



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11652/23
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0221(NLE)

MAMA 110
MED 17
EG 1

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 382 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fil-programmi tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 382 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2023) 382 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.7.2023
COM(2023) 382 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteciċipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fil-programmi tal-Unjoni

ANNES

PROTOKOLL

għall-FTEHIM EWRO-MEDITERRANJU li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteciċpazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fil-programmi tal-Unjoni

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

minn naħa,

u

R-REPUBBLIKA GħARBIJA TAL-EĠITTU, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Eġittu"

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Partijiet",

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2001 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2004.
- (2) Il-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004 laqa' b'mod favorevoli l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għal Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2004².
- (3) F'haġna okkażjonijiet oħrajn, il-Kunsill approva dik il-politika fil-konklużjonijiet tiegħu.
- (4) Fil-5 ta' Marzu 2007, il-Kunsill esprima appoġġ għall-approċċ ġenerali deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-4 ta' Diċembru 2006³ sabiex il-pajjiżi sħab tal-PEV jingħataw il-possibbiltà li jipparteċipaw fl-aġenziji Komunitarji u fil-programmi Komunitarji bil-merti tagħhom u meta l-bażijiet ġuridiċi jippermettu li jsir dan.
- (5) L-Eġittu esprima x-xewqa tiegħu li jipparteċipa f'għadd ta' programmi tal-Unjoni.
- (6) Jenħtieġ li t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-parteciċpazzjoni tal-Eġittu f'kull programm tal-Unjoni partikolari, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas mill-Eġittu kif ukoll il-proċeduri ta' rapportar u ta' evalwazzjoni, jiġu determinati bi ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti tal-Eġittu,

¹ ĠU L 304, 30.9.2004, p. 39.

² EUCO 79/14.

³ COM(2006)726 final.

QABLU FUQ DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Eġittu għandu jitħalla jipparteċipa fil-programmi attwali u futuri kollha tal-Unjoni miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-Eġittu f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti li jadottaw dawk il-programmi.

Artikolu 2

L-Eġittu għandu jikkontribwixxi finanzjarjament għall-programmi li jipparteċipa fihom u għall-kostijiet relatati ta' ġestjoni, eżekuzzjoni u operazzjoni taħt il-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Artikolu 3

Ir-rappreżentanti tal-Eġittu għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-kumitati li jikkontrollaw l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni fi programmi li għalihom l-Eġittu jagħmel kontribuzzjonijiet finanzjarji, mingħajr drittijiet tal-vot u għal punti li jikkonċernaw lill-Eġittu.

Artikolu 4

Proġetti u inizjattivi mressqa minn parteċipanti mill-Eġittu jkunu soġġetti, sa fejn ikun possibbli, għall-istess kundizzjonijiet, regoli u proċeduri li għandhom x'jaqsmu mal-programmi konċernati, bħal dawk li japplikaw għall-Istati Membri.

Artikolu 5

1. It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-parteċipazzjoni tal-Eġittu f'kull programm partikolari tal-Unjoni, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli u l-proċeduri ta' rapportar u ta' evalwazzjoni, għandhom jiġu determinati bi ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti tal-Eġittu abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-programmi kkonċernati.

2. Fil-każ li l-Eġittu japplika għall-assistenza esterna tal-Unjoni biex jipparteċipa fi programm tal-Unjoni partikolari abbażi tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jew skont kwalunkwe Regolament simili li jipprevedi l-assistenza esterna tal-Unjoni lill-Eġittu li jista' jiġi adottat fil-futur, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu mill-Eġittu tal-assistenza esterna tal-Unjoni għandhom jiġu determinati fi ftehim ta' finanzjament.

Artikolu 6

1. Kull ftehim konkluż skont l-Artikolu 5 għandu jistipula, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, li l-kontrolli jew l-awditi

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009, ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013,

finanzjarji jew verifiki oħra, inklużi l-investigazzjonijiet amministrattivi għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u mill-Qorti tal-Awdituri, jew taħt l-awtorità tagħhom.

2. Għandhom isiru dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kontrolli u l-awditjar finanzjarju, il-miżuri amministrattivi, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, il-penali u l-irkupru li jippermettu li l-Kummissjoni Ewropea, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, l-Uffiċċju ta-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u l-Qorti tal-Awdituri jingħataw setgħat li jkunu ekwivalenti għas-setgħat tagħhom fir-rigward tal-benefiċjarji jew il-kuntratturi stabbiliti fl-Unjoni.

Artikolu 7

1. Dan il-Protokoll għandu japplika għall-perjodu li matulu jkun fis-seħħ il-Ftehim.
2. Dan il-Protokoll għandu jiġi ffirmat u approvat mill-Partijiet f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom.
3. Kull Parti tista' tiddenunzja dan il-Protokoll permezz ta' notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra.
4. Dan il-Protokoll għandu jntemm sitt xhur wara d-data ta' tali notifika.
5. It-terminazzjoni tal-Protokoll wara d-denunzja minn xi waħda mill-Partijiet ma għandhiex taffettwa l-verifiki u l-kontrolli li għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikoli 5 u 6, fejn xieraq.

Artikolu 8

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, u kull tliet snin sussegwenti, iż-żewġ Partijiet jistgħu jirrieżaminaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll abbażi tal-parteċipazzjoni effettiva tal-Eġittu fi programmi tal-Unjoni.

Artikolu 9

Dan il-Protokoll għandu japplika, minn naħa, għat-territorji li fihom japplika t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat, u min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Eġittu.

Artikolu 10

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin permezz ta' mezzi diplomatiċi dwar it-tlestija tal-proċeduri tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.
2. Sa meta jidħol fis-seħħ, il-Partijiet jaqblu li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll proviżorjament mid-data tal-iffirmar tiegħu, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

Artikolu 11

Dan il-Protokoll għandu jiffirma parti integrali mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra.

(UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Artikolu 12

Dan il-Protokoll għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Françiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Żvediża, Ungeriża u Għarbija, kull wieħed minn dawn it-testi huwa ugwalment awtentiku.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu